MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 225/2005

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Martin u Frances mizzewgin Busuttil

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni tal bank attur li biha ppremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tliet kuntratti datati 7 ta' Mejju 1998, 1 ta' Dicembru 1999 u 15 ta' Novembru 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (Dok "A", "B" u "C"), is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet facilitajiet ta' *Loan* lill-konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil;

Illi l-bank attur kien jinsab kreditur tal-konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil fis-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u erba' Liri Maltin u tlett centezmi (Lm32,704.03) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta'

Martin u Frances mizzewgin Busuttil mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘D1 sa D4”, “E1 sa E5”, “F1 sa F3” u “G1 sa G2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Jannar, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-Iskedi “A” annessi ma’ l-imsemmi kuntratti datati 7 ta’ Mejju 1998, 1 ta’ Dicembru 1999 u 15 ta’ Novembru 2000 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami fuq imsemmija (u gew prezentati mac-citazzjoni bhala Dokumenti “A”, “B” u “C”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil (a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b’hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 8 ta’ Novembru, 2004 li kopja taghha giet prezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok “H”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti.

Il-bank attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fl-Iskedi “A” annessi ma’ l-imsemmi kuntratti datati 7 ta’ Mejju 1998, 1 ta’ Dicembru 1999 u 15 ta’ Novembru 2000 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami fuq imsemmija (u prezentati mac-citazzjoni bhala Dokumenti “A”, “B” u “C”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil (a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) kien

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici

2. Tikkundanna lil Martin u Frances mizzewgin Busuttil ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnejn u tletin elf, seba’ mija u erba’ Liri Maltin u tlett centezmi (Lm32,704.03) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Martin u Frances mizzewgin Busuttil mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1 sa D4”, “E1 sa E5”, “F1 sa F3” u “G1 sa G2”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Jannar, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Novembru, 2004 mibghuta lill-konvenuti kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie prezentat mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra intavolati kontra l-istess konvenut mill-bank attur ghal bilanci ohra dovuti minnu lis-socjeta` attrici.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Semghet bil-gurament lill-P.L. Joseph Zammit li qal li l-attur kien ikkuntattja lill-bank attur u nfurmahom li kellu problemi biex jaghmel il-hlas u li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-lum baqa’ ma thallas xejn u ghalhekk l-ammont kollu ghadu dovut.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mil-ligi baqghu kontumaci u anqas dehru ghas-seduta tal-lum.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet tal-bank attur jidhru gustifikati, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fl-Iskedi “A” datati 7 ta’ Mejju 1998, 1 ta’ Dicembru 1999 u 15 ta’ Novembru 2000 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil (a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Martin u Frances mizzewgin Busuttil li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici; u tikkundanna lil Martin u Frances mizzewgin Busuttil ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnejn u tletin elf, seba’ mija u erba’ Liri Maltin u tlett centezmi (Lm32,704.03) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-21 ta’ Jannar, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------